27 ta' Mejju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Victor Tonna Barthet ne. *versus* Ronald Pace ne. et.

## Noleġġ — Aġent tal-Vapur — Danni

*Jekk fil-kuntratt tan-noleġġ in-noleġġjatur jikkuntratta f'ismu, huwa responsabbli personalment għall-obligazzjonijiet derivanti minn dak il-kuntratt; u ma jistgħax dak in-noleġġjatur jirripudja dik ir-responsabilità billi jallega li hu kien qiegħed jaġixxi bħala aġent ta' ditta oħra. U hu risaput illi n-noleġġ jista' jsir mhux biss minn sid il-vapur, imma anki, per vija ta' subnoleġġ, mill-istess noleġġjatur.*

*Wieħed mill-obligi tan-noleġġjant hu dak li jgħabbi puntwalment fil-ġurnata mifthema; u xejn ma tiswa l-allegazzjoni li, qabel ma huwa għabba, il-vapur kien iltaqa' ma' maltemp u baħar qawwi, ma' dawk li huma "perils of the sea", jekk jirriżulta illi, anki mingħajr dawk l-infortunji, il-vapur kien jasal tard fil-port tal-karikazzjoni.*

*Lanqas ma tiswa l-allegazzjoni illi r-ritard fil-karikazzjoni ma kienx konsiderevoli; għax fl-operazzjonijiet marittimi kollha l-ispeditezza hija tal-akbar importanza, u anki ritard żgħir jista' jitlef l-iskop u r-raġuni tal-vjaġġ. Il-kwistjoni tar-ritard, kbir jew żgħir, tidħol fil-ġudizzju tal-likwidazzjoni tad-danni, u mhux f'dak dirett għad-deklaratorju tar-responsabilità tad-danni kaġunati bir-ritard.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine wara li ppremetta illi b'kuntratt ta' noleġġ tat-23 ta' Settem-

bru 1953 il-konvenut nomine obliga ruħu li jgħabbi fuq il-motonave "Altair" 250 barri tal-attur nomine, u dan bejn it-8 u t-12 ta' Ottubru 1953; u li l-konvenut nomine naqas mill-obligu tiegħu li jgħabbi l-barrin fiż-żmien stipulat fil-kuntratt ta' noleġġ, u għabba l-barrin fit-18 ta' Ottubru 1953; u li dan ir-ritard ikkaġuna danni lill-attur; talab illi l-istess konvenut nomine jiġi dikjarat responsabbli għad-danni li huwa (l-attur nomine) sofra a kawża tar-ritard fuq riferit, danni li jiġu likwidati f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-16 ta' Ottubru 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-12 ta' Marzu 1954, li biha ġiet respinta l-imsemmija eċċezzjoni preġudizzjali deklinatorja, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Novembru 1956, li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża fis-sens li personalment ma għandhom l-ebda relazzjoni mad-ditta attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess kjamati fil-kawża; ir-respinġiet l-eċċezzjoni l-oħra tal-istess kjamati fil-kawża u tal-konvenut Ronald Pace fis-sens li d-ditta konvenuta — il-lum huma, peress lid-ditta ġiet dixxjolta u likwidata — imissha ġiet konvenuta in rappreżentanza tal-armaturi tal-bastiment, bl-ispejjeż kontra l-istess kjamati fil-kawża u l-konvenut Ronald Pace; iddeċediet adeżivament għall-istanza; u rriżervat id-deċiżjoni tal-ispejjeż, barra dawk ġa deċiżi, għas-sentenza fil-ġudizzju ta' likwidazzjoni tad-danni; wara li kkunsidrat;

Illi, definita l-eċċezzjoni tad-difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Malta, jibqgħu żewġ eċċezzjonijiet li preliminarment għandhom jiġu definiti: l-eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża fis-sens li preżumibilment ma għandhom l-ebda relazzjoni mad-ditta attriċi, ħlief, se maj, bħala ko-stralċjarji tas-soċjetà "Mazzone & Co. (Malta) Ltd.", dixxjolta, u l-eċċezzjoni tal-istess kjamati fil-kawża u tal-konvenut nomine fis-sens li din id-ditta jmissha ġiet konvenuta bħala "ex

Shipping Agent" in rappreżentanza tal-armaturi ta' dak il-bastiment;

Illi, riferibilment għall-ewwel waħda, mid-depożizzjoni tal-konvenut Ronald Pace jirriżulta illi d-ditta "Mazzone & Co. (Malta) Ltd." ġiet mhux biss dixxjolta, imma anki likwidata (fol. 48); u dan huwa biżżejjed biex juri l-infondatezza ta' din l-eċċezzjoni. Riferibilment, imbgħad, għat-tieni eċċezzjoni, mill-istess depożizzjoni tal-konvenut Ronald Pace jirriżulta illi d-ditta "Mazzone & Co. (Malta) Ltd." ma kellha x'taqsam xejn mad-ditta "Mazzone" ta' Ruma (fol. 46), u mill-kuntratt ta' noleġġ fuq imsemmi (fol. 5) jirriżulta li d-ditta ta' Malta għamlet f'isimha u in rappreżentanza ta' ħadd, la tal-imsemmija ditta "Mazzone" ta' Ruma u lanqas tal-armaturi tal-bastimenti "Altair", dak il-kuntratt; u dan, għar-raġunijiet wisq ovvji, ma jalteraħx il-fatt li f'dak il-kuntratt jingħad illi l-istess ditta "Mazzone" ta' Malta aktar il quddiem tiġi riferita bħala "The Shipping Agents". Lanqas din it-tieni eċċezzjoni, kwindi, ma tista' tiġi milqugħa;

Fil-meritu;

Illi skond il-kuntratt ta' noleġġ fuq imsemmi, il-barrin kellhom jiġu mgħobbijin fuq il-bastiment bejn it-8 u t-12 ta' Ottubru 1953 (fol. 5). Mid-depożizzjoni tal-kaptan tal-l-istess bastiment jirriżulta illi l-istess barrin ma setgħux jiġu mgħobbijin qabel it-18 ta' Ottubru, għaliex l-istess bastiment wasal Trieste fiż-17 ta' dak l-istess xahar fis-sigħa u tlieta u għoxrin minuta. Il-konvenut nomine eċċepixxa illi dak ir-ritard kien dovut għall "forza maggiore";

Hu veru illi mid-depożizzjoni tal-kaptan fuq imsemmi jirriżulta li l-bastiment iltaqa' ma' baħar qawwi u maltemp. Il-kaptan xehed illi, kieku ma kienx dak il-baħar qawwi u dak il-maltemp, kien jasal Trieste jew fit-12 ta' Ottubru filgħaxija jew bil-lejl, jew fit-13 ta' Ottubru (fol. 14). Kwindi mill-istess depożizzjoni tal-kaptan jirriżulta illi, anki mingħajr dak il-maltemp u dak il-baħar qawwi, ritard kien ikun hemm dejjem fil-karikazzjoni tal-barrin, għax anki f'dak il-każ ma kienux jistgħu jiġu mgħobbija qabel it-13 ta' Ottubru, anzi qabel l-14, u dan ir-ritard, avvolja mhux

kbir, huwa biżżejjed, għaliex anki b'dak ir-ritard id-ditta attriċi setgħet sofriet dannu;

*Imma mill-kumpless tad-depożizzjoni tal-kaptan jidher* illi, anki mingħajr dak il-maltemp, kien ikun hemm ritard, u ritard akbar, billi minn dik id-depożizzjoni jirriżulta illi l-baħar qawwi tellfu għaxar sigħat fil-vjaġġ bejn Bengħasi u Susa, u r-rieħ tellfu ħames sigħat fil-vjaġġ minn Tunes għal Tripoli, u l-maltemp tellfu tletin sigħa meta, minħabba dak il-maltemp, kellu jankra, u baqa' ankrat, għal dak iż-żmien kollu fuq it-Sikka ta' Kirkena, b'kollox 45 sigħa; u kwindi, mingħajr dak il-maltemp u baħar qawwi, il-bastiment kien *jasal Trieste fil-15 ta' Ottubru;*

Forsi l-kaptan ħa in konsiderazzjoni x-xita li żammitu f'Barlette; però baħar qawwi bħal dak li miegħu l-bastiment iltaqa' minn Tunes għal Tripoli, u xita normali, lanqas ma jistgħu jiġu kunsidrati "forza maggiore" fis-sens legali u ġuridiku tal-espressjoni. "Ad ogni modo", anki jekk wieħed joqgħod fuq dak li qal il-kaptan, jiġifieri li, kieku ma kienx il-maltemp, kien jasal Trieste fit-12 ta' Ottubru filgħaxija jew bil-lejl, jew fit-13, dejjem kien ikun *hemm ritard* mhux dovut għal "forza maggiore", żgħir jew kbir ma jimpurtax, jekk id-ditta attriċi tipprova li minħabba fih sofriet danni; u jekk dan ma tippruvahx, tħallas l-ispejjeż anki ta' din il-kawża in kwantu konnessi mal-meritu tagħha;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut u tal-kjamati in kawża, u rat il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li tiġi revokata d-deċiżjoni fuq imsemmija, billi tiġi akkolta l-eċċezzjoni tagħhom li huma ma jmisshomx ġew ċitati personalment, u jiġu liberati "ab observantia", jew, in subordine, li fil-meritu t-talbiet jiġu respinti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq il-preġudizzjali;

Din mhijiex fondata, għaliex fil-kuntratt tan-noleġġ, fol. 6, l-appellanti kkuntrattaw f'isimhom. Jgħid id-Duckworth, Principles of Marine Law, p. 87:— "If an agent is

desirous of protecting himself from liability on the charter party, he ought to contract in the name of his principal, and sign in the name, or "per pro" ("per procurationem") of the principal";

Jgħid il-Holman, Shipowners and Masters, p. 124:— "The terms of a Charter Party are 'prima facie' binding upon all persons who appear on the face of the Charter Party to be contracting as principals, though they may not be so in fact",

U Lord Campbell, fil-kawża Parker vs. Winlo, 1957, qal:— "I can have no doubt myself that the defendant is personally liable. He makes the contract using apt words to show that he contracts. The only ground suggested for rebutting his personal liability is that he says he is agent for another, but he may well contract and pledge his personal liability though he is agent for another. If he had signed the contract as by procuration, he might have exempted himself from liability; but on principle an agent is liable personally if he is the contracting party.........";

Hu risaput li n-noleġġ jista' jsir mhux biss minn sid il-vapur, imma anki, per vija ta' sub-noleġġ, mill-istess noleġġjatur (Bolaffio e Vivante, Vol. VIII, para. 504 bis.);

Hu utili wkoll li jiġi osservat li l-appellanti jiddeskrivu ruħhom fil-"letter head" tal-iskrittura tan-noleġġ anki bħala "Ship Owners";

Fil-meritu;

Il-vapur kellu jgħabbi l-barrin tal-attur nomine fi Trieste bejn it-8 u t-12 ta' Ottubru 1953, salva "forza maggiore" ("unless subject to force majeure"). Hu elementari li wieħed mill-obligi tan-noleġġjant hu li jgħabbi puntwalment fil-ġurnata mifthema. Issa, anki jekk wieħed jikkonċedi li kien hemm dawk il-"perils of the sea" li xehed dwarhom il-kaptan, jibqa' dejjem li, skond l-istess xhieda tiegħu, anki mingħajr dawk l-infortunji, hu kien jasal Trieste fit-12 ta' Ottubru filgħaxija jew bil-lejl, jew inkella fit-13 ta' Ottubru. Peress li mbgħad kien ikollu l-ewwel jiskarika l-merkanzija l-oħra (li fil-fatt, meta għamel l-iskarikazzjoni fit-18 ta' Ottubru, ħaditlu kważi l-ġurnata sħieħa), għalhekk

hu ma kienx jgħabbi l-merkanzija tal-attur nomine ħlief fit-13 għat-tard, jew fl-14 ta' Ottubru. Kosikkè qalet sewwa l-Ewwel Qorti, li kien hemm ir-ritard lamentat;

Inutili li jingħad li dak ir-ritard ma kienx konsiderevoli. Kif jgħid l-Abbot, "Law of Merchant Ships and Seamen", p. 207:— "In all maritime transactions, expedition is of the utmost importance, for even by a short delay the reason or object of a voyage may be lost.........";

Del resto, dan il-ġudizzju hu għad-deklaratorja ta' responsabbiltà għal danni. Il-kwistjoni tar-ritard, kbir jew żgħir, tidħol fil-ġudizzju l-ieħor tal-likwidazzjoni ta' dawk id-danni;

Għalhekk;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma, fil-meritu u fil-kap tal-ispejjeż sa fejn deċiżi, is-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellanti.